

II-Kummissjoni tniedi "Sistema ta' Appoġġ għall-Ġestjoni Klinika tal-COVID-19"

Fl-24 ta' Marzu, il-Kummissjoni Ewropea nediet is-"Sistema ta' Appoġġ għall-Ġestjoni Klinika tal-COVID-19" bil-għan li tappoġġa lil min imexxi l-kliniki fl-isptarijiet li bħalissa qed jiffaċċjaw l-emerġenza tal-coronavirus fl-Ewropa kollha.

Abbażi tal-esperjenza bin-Networks [Ewropej ta' Referenza, l-inizjattiva](#) se tgħin biex jinħolqu konnessjonijiet rapidi fl-Ewropa fost l-isptarijiet indikati mill-Istati Membri bħala ċentri ta' referenza għall-COVID-19. It-tobba jistgħu jiddependu minn helpdesk apposta li huwa ġestit mid-DĠ SANTE biex jiġu stabbiliti konferenzi fuq l-internet u biex isir skambju ma' sħabhom fl-Ewropa dwar it-trattamenti possibbli, u dwar kif għandhom jiġu ttrattati każijiet serji u kumplessi.

Din is-sinerġija għandha l-għan li tħaffef l-adozzjoni ta' għażliet speċifiċi ta' trattament u tgħin biex jitnaqqsu xi wħud mill-inċertezzi dovuti għall-aspetti mhux magħrufa tal-virus. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa fl-interess vitali tal-pazjenti infettati bil-COVID-19 li t-tobba tagħhom ikunu jistgħu jiddiskutu l-każijiet tagħhom, u jiksbu l-aħjar parir possibbli.

Biex tissieħeb fis-sistema jekk jogħġbok [irreġistra online](#)

Sfond:

L-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 qed taffettwa pajjiżi b'livelli differenti ta' severità fi żminijiet differenti. Ħafna pazjenti jeħtieġu kura speċjalizzata ħafna. L-esperjenza Prattika dwar kif għandhom jiġu ġestiti l-pazjenti, b'mod partikolari każijiet serji, hija skarsa u mxerrda fl-Ewropa. Filwaqt li l-esperjenza u l-għadd ta' każijiet ittrattati minn xi sptarijiet huma sostanzjali, oħrajn għandhom se jibdew jittrattaw ma' pazjenti kumplessi. It-tekniki u t-trattamenti konkreti applikati għall-pazjenti bil-COVID-19 f'ħafna każijiet huma sperimentali u hemm xi limitazzjonijiet biex ikun hemm aċċess għall-għarfien miksub dawn l-aħħar ġimgħat u xhur.